Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 209/2018

Il-Pulizija

Vs

Clayton Delia

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clayton Delia detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 453582M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-2 ta' Gunju 2016 u fil-jiem ta' qabel gewwa dawn l-Gzejjer:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Claire Agius taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafama lil Claire Agius, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

2. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Claire Agius, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Claire Agius;

3. B'diversi atti maghmula minnu li gew maghmula fi zminijiet differenti pero' li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, gie hati ta' reat kontinwat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' April, 2018, fejn il-Qorti rat l-Art 339 (1)(e), Art 251A(1)(a)(b) u Art 18 tal-Kap 9.

Sabet lill-imputat hati tal-akkuza u kkundannatu ghal multa komplessiva ta' €400 (erba' mitt ewro).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clayton Delia, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tilqa' dan l-appell billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti appellanti hati taht l-imputazzjonijiet (1), (2) u (3) u tiddikjara lill-appellanti mhux hati tal-imputazzjonijiet imsemmija (1) u (2) u (3) migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena;

2. F'kaz illi din it-talba principali biex l-appellanti jigi liberat mill-imputazzjonijiet (1) u (2) u (3) li taghhom instab hati ma tigi akkolta, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi timmitiga l-piena inflitta fir-rigward tal-multa fl-ammont ta' Euro 400 u dana billi tipprovdi sentenza inqas harxa, kif dejjem jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Clayton Delia huma s-segwenti u cioe`:-

Illi preliminarjament, l-appellant umilment jissottometti illi minn kif gew migjuba l-provi quddiemha, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tkun moralment u legalment konvinta li ssib lill-istess appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Dan qieghed jinghad ghaliex apparti li l-appellant baqa' jichad bil-qawwa kollha li huwa b'xi mod ikkommetta l-allegati kontravenzjonijiet/ reati versu Claire Agius, jigi sottomess illi l-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, bla ebda mod li jwasslu sa dak il-konvinciment rikjest mil-ligi u li

jorbtu lill-appellant mar-reati lilu addebitati. Kif huwa ben saput fil-Qrati nostrani, fil-kamp kriminali, il-Qorti trid tkun moralment u legalment konvinta **minghajr ebda dubju ragjonevoli** li ssib htija fl-akkuzat.

Dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija ghalhekk mitluba tara jekk mill-apprezzament tal-provi li ser taghmel hi, in bazi tal-provi gia ezistenti, setghetx l-ewwel Onorabbli Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li l-appellant kellu jinstab hati mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi l-appellant ser jitratta l-aggravju tieghu fir-rigward tan-nuqqas ta' provi b'referenza ghat-tliet akkuzi.

**A. Akkuzi marbuta mal-Kap. 399**

*49. Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
*(a) jhedded li jaghmel xi reat; jew*
*(b) bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex*
*jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil*
*haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga,*
*jhedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra,*
*jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; jew*
*(c) jaghmel uzu iehor mhux xieraq bih.*

Illi l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat qua appellant taqa' taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Il-Qorti ma qablitx li l-ligi fl-artikolu 49(c) qed tikkontempla sitwazzjoni simili ghal dik ikkontemplata l-artikolu 48 izda jirreferi ghal sitwazzjoni ben differenti, fejn persuna taghmel uzu mit-telefon mhux biss fis-sens illi l-uzu jkun wiehed mhux awtorizzat jew mhux teknikament korrett, kif inkwadrat f'dik id-disposizzjoni tal-ligi, izda qed jikkontempla sitwazzjoni ohra fejn persuna issa qed tuza t-telefon taghha biex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq.

Illi fil-kaz de quo, ma ngabet ebda prova illi l-akkuzat qua appellant ghamel uzu minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika u bil-wisq iktar li hedded/ immalafama/ ghamel uzu mhux xieraq bih kif allegat il-parte civile Claire Agius.

Illi mhux talli l-unika prova li l-prosekuzzjoni ressqet kienet unikament ix-xhieda tal-parte civile Claire Agius u ta' missierha Joseph Agius izda talli jirrizulta hekk iddokumentat, illi x-xhieda moghtija ma kellha xejn mis-sewwa. Fl-ewwel lok jinghad illi mix-xhieda ta' Joseph Agius, mistoqsi mill-Qorti:-

*Qorti: "Imma dan smajtu int b'widnejk jew qaltulek it-tifla?"*
*Xhud: "It-tifla giet tibki, ghidtilha x'gara? Qaltli ghax qalli li gej hawn. U nzilna l-ghassa naghmlu rapport"*
*Il-Qorti regghet staqsietu: "Imma dan x'qaltlek it-tifla".*
*Ix-xhud: "ehe".*
*Il-Qorti: "Orrajt".*
Ghandu jirrizulta illi hija biss *hearsay evidence*, fejn ix-xhud la ra u lanqas sema' dwar dak li qieghda tallega bintu kontra l-akkuzat Clayton Delia u ghaldaqstant ma seta' qatt jipponta subajh lejn l-akkuzat u jishaq fuq gurament li bintu giet hekk mhedda u mbezza' mill-istess.

Illi wara x-xhieda moghtija mill-missier, xehdet bintu, il-parte civile in kwistjoni Claire Agius, fejn stqarret specifikament illi fis-27 ta' Frar 2017, Clayton Delia kien cemplilha d-dar u heddidha li kien sejjer fejn il-bieb taghha u jhabbtilha. Allegat li sa anka baghat messaggi ta' theddid fejn anke lil ohtha z-zghira kien kwazi se jtellfilha xogholha ghax skont hi, l-akkuzat ghamel rapport kontra ohtha li kienet qed taghtiha l-pariri. Illi ai finijiet ta' provi u kredibbilità tajjeb jigi kkwotat x'kompliet tistqarr l-istess xhud fix-xhieda taghha quddiem l-Onorabbli Qorti u cioe':

*PL. P. P. Zammit: U wara din it-telefonata mort l-Ghassa.*
*Ix-xhud: mort l-ghassa naghmel rapport.*
*PL. P. P. Zammit: u dan kien?*
*Ix-xhud: fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar.*
*PL. P. P. Zammit: Kien hemm xi incidenti ohra barra dan?*

*Ix-xhud: Baqa' jibghat aktar messaggi ta' theddid fejn anke lil ohti z-zghira kwazi wasal biex itellfilha xogholha ghax ghamel rapport li hi qed ittini l-pariri meta jien dejjem imxejt b'mod legali.*
*Spettur: X'ghamel dakinhar?*
*Ix-xhud: dakinhar cempel illi ha jigi d-dar u ha jidhol id-dar b'mod aggressiv.*
*Spettur: Gie d-dar?*
*Ix-xhud: Imma ghax mort l-ghassa!*
*Spettur: Avzajtu li sejra l-Ghassa?*
*Ix-xhud: Avzjatu li sejra l-Ghassa.*
*PL. P. P. Zammit: fl-ghoxrin (20) ta' Frar kellek ghalfejn tmur taghmel rapport iehor l-ghassa?*
*Ix-xhud: Iva, ehe, kont bghatt kwerela.*
*PL. P. P. Zammit: Tista' tghidilna x'kien? Il-ghaliex?*
*Ix-xhud: Il-kwerela kienet dwar messaggi li kien jibghat b'theddid u kliem hazin u li biex ihalli lill-familja tieghi bi kwietha ghax kull messagg li kien jibghat kien isemmi lil missieri biex jipprovokah.*
*PL. P. P. Zammit: U dan x'kien? It-tieni darba li mort?*
*Ix-xhud: Ghal habta ta' Marzu kien.*
*PL. P. P. Zammit: U l-kwerela saret? Kemm domt tircievi dawn il-messaggi?*
*Ix-xhud: Sa Awwissu, sal-ahhar ta' Awwissu, tletin (30) ta' Awwissu.*
*PL. P. P. Zammit: Ta' liema sena?*
*Ix-xhud: Ta' din is-sena, fejn baghatli biex nibghatlu d-dettalji tal-avukat, biex ikellmu.*
*PL. P. P. Zammit: Xejn izjed Sur Magistrat.*

Illi bid-dovut rispett kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha l-ebda prova migjuba quddiemha dwar l-allegati theddid li saru tramite telefonati mill-akkuzat lill-parte civile. La prova ta' komunikazzjoni moghtija mis-*service provider* sabiex jigi muri sarux l-allegati telefonati u messaggi mill-akkuzat versu l-parte civile matul il-perjodu indikat fl-akkuza u cioe' 2 ta' Gunju 2016 u lanqas fil-jiem ta' qabel. Lanqas ma ngabu provi bhal *screenshots* tal-allegati messaggi ta' theddid versu l-parte civile u familtha inkluz il-prova tar-rapport li l-istess parte civile ssemmi fix-xhieda taghha li sar minn Clayton Delia versu ohtha, liema rapport indikat li kien ser itellef ix-xoghol lil ohtha.

Di fatti lanqas oht il-parte civile ma telghet tikkonferma dan kollu fuq gurament. Illi jidher car kristall illi l-iskop tal-parte civile, wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejnha u l-akkuzat Clayton Delia kien unikament li taghmel vendetta minnu billi ccahhdu milli jkun prezenti f'hajjet binhom.

Illi l-parte civile minkejja li ppersistiet li tallega li fit-2 ta' Gunju 2016, l-akkuzat heddidha tramite diversi telefonati u messaggi, ma forniet lanqas messagg wiehed sabiex wiehed jiehu idea cara xi kliem intuza mill-akkuzat li seta' holqilha tant biza' u fastidju. Illi dawn il-provi kollha rilevanti ma ngabux. Il-parte civile ma kinitx cara u konsistenti fix-xhieda taghha specjalment x'tip ta' messaggi ntbaghtu u xi kliem intuza bhala theddid mill-akkuzat. Ghaldaqstant l-element ta' biza' ma jidher imkien. L-inkonsistenza fix-xhieda tal-parte civile hija evidenti wkoll. Filli tishaq illi kienet bezghana mill-aggressività tal-akkuzat u rrapportat lill-pulizija biex ihalliha bi kwietha tramite kwereli u ittri ta' avukati u fl-istess nifs tghid li matul l-istess perjodi li tallega li l-akkuzat kien qieghed jheddidha xorta wahda tghid li gieli kkomunikat mieghu bil-messaggi minhabba t-tarbija u sahansitra taghtu ritratt tal-ultra sound. Il-parte civile kjarament jidher li diskorsha mhux preciz ghaliex ma kinitx qieghda tkun veritiera. Filwaqt li tistqarr li kienet bezghana minnu, tistqarr ukoll li gieli baghtitlu messaggi biex tikkomunika mieghu fuq it-tarbija u sahansitra <u>taghtu</u> ritratt tal-ultra sound. Kjarament dan jaghti x'jifhem li l-parte civile kienet anke ltaqghet mieghu personalment biex setghet taghtu r-ritratt. Wiehed ma jistax ma jistaqsix fejn jinsab l-element ta' biza' tal-parte civile? Fejn huma l-provi tat-telefonati u messaggi kontinwi dakinhar tat-2 ta' Gunju 2016 u l-jiem ta' qabel.

**Illi bid-dovut rispett kollu, minkejja li l-perjodu tal-akkuza jindika "talli fit-2 ta' Gunju 2016 u fil-jiem ta' qabel" ma ngabet ebda prova wahda li fit-2 ta' Gunju 2016 jew fil-jiem ta' qabel sehhew l-akkuzi kif dedotti. It-2 ta' Gunju ma ssemma fl-ebda mument mill-parte civile u lanqas fil-granet ta' qabel.**

Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-akkuzat 1) effettivament ghamel uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika fil-gurnata tat-2 ta' Gunju 2016 u fil-jiem ta' qabel u lanqas 2) li ghamel uzu mhux xieraq tal-istess. In oltre l-prosekuzzjoni lanqas 3) gabet prova tal-messaggi u t-telefonati li l-parte civile allegat

li saru lilha mill-akkuzat. 4) Finalment jinghad ukoll illi lanqas il-parte civile nnifisha li ma kienet xejn konsistenti fix-xhieda taghha ma semmiet incident li sehh fil-gurnata tat-2 ta' Gunju 2016 u l-jiem ta' qabel. Dan jindika li ghal kuntrarju minn dak li allegat il-parte civile, bla hsieb ta' xejn minkejja li fuq gurament, ghazlet li tirrakkonta fatti inverosimili li b'mod evidenti ghall-ahhar huma intizi sabiex timpika mal-akkuzat tramite s-sistema Gudizzjarja nostrana.

Illi di fatti l-akkuzat altru milli ghazel li jiehu l-ligi b'idejh, mexa unikament tramite l-avukat legali tieghu sottoskritt sabiex jikkomunika mal-parte civile b'ittra ufficjali u konsegwentement ghadda wkoll sabiex jistitwixxi kawza ta' filjazzjoni fil-konfront tal-parte civile gialadarba ma kien hemm l-ebda koperazzjoni min-naha tal-parte civile, unikament sabiex jirrikonoxxi lil ibnu kif kien accena l-avukat difensur tal-akkuzat waqt il-kontro-ezami tal-parte civile. Illi di fatti l-karattru xejn genwin u manipulattiv tal-parte civile fil-konfront tal-akkuzat hareg car fis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) Rik Nru 168/2017 – DELIA CLAYTON VS AGIUS CLAIRE PRO ET NOE ET deciza fid-19 ta' April 2018, koincidenzjalment fl-istess data li nghatat is-sentenza qua appellata.

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors tal-appell qieghed ghaldaqstant jigi ntavolat rikors sabiex tigi pprezentata s-sentenza referuta bil-ghan li dina l-Onorabbli Qorti jkollha indikazzjoni carissima tal-komportament immatur u manipulattiv tal-parte civile versu l-akkuzat.

**B. L-akkuza marbuta mar-reat ta' fastidju.**

B'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell numru 262/2013 **Il-Pulizija (Spettur Luke Bonello) vs Peter Duncan Mizzi** inghad is-segwenti:

*"Illi din il-Qorti f'diversi sentenzi hi tal-fehma li biex jissussisti r-reat ta' fastidju huwa essenzjali l-element ta' persistenza jew ripetizzjoni [ara "**Il-Pulizija v. Massimo Tivisini**", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2009 (per Imhallef Joseph Galea Debono) u "**Il-Pulizija v. Julian Cesare**", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 2012 (per Imhallef Michael Mallia)].*

*Illi din il-Qorti, kif inghad fuq, ghandha quddiemha email wiehed biss. Kieku l-emails kollha kienu gew esebiti din il-Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni ferm aktar sodisfacenti li seta' kien hemm persistenza jew ripetizzjoni da parti ta' l-appellant fl-emails li hu jkun baghat lill-parte civile. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti l-email in kwistjoni mhiex xi xorta ta' theddida."*

Illi fil-kaz de quo l-Ewwel Onorabbli Qorti kenet sprovvista minn kwalunkwe prova necessarja sabiex jigi ppruvat l-allegat fastidju. Ghadaqstant fuq nuqqas ta' evidenti ta' provi l-appellant ma setax jinstab hati lanqas fuq din l-akkuza li hija abbinata mal-ewwel akkuza.

**C. L-akkuza abbinata mar-reat kontinwat.**

Fid-dawl ta' dak hawn fuq premess, l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta' reat kontinwat meta fil-kaz de quo, fejn l-Onorabbli Qorti ghandha tibbaza l-gudizzju taghha skont l-akkuza kif migjuba quddiemha u cioe` "fit-2 ta' Gunju 2016 u l-jiem ta' qabel ..." il-prosekuzzjoni ma gabitx provi sodisfacenti sabiex la fuq probabbiltà u wisq inqas minghajr ebda dubju ragjonevoli, l-Onorabbli Qorti tkun moralment u legalment konvinta li l-akkuzat hu verament hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi l-appellant jissottometti illi huwa hass ruhu aggravat mis-sentenza appellata kemm minhabba l-fatt illi nstab hati minkejja nuqqas ta' provi u kemm minhabba l-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitu hati tal-akkuzi u kkundannatu multa eccessiva ta' Eur 400 minghajr ma nghata raguni ghalfejn gie hekk misjub hati.

Semghet lill-partijiet jittrattw il-kaz u dan fis-seduta tal-20 ta' Settembru, 2018 fejn wara talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit ta' **PC 998 D.S Caruana** mahluf minnu fit-3 ta' Jannar, 2017 fejn kkonferma li kien ircieva kwerela minghand Dr Mizzi Deguara fejn din kienet tghid li ghandhom jinhargu akkuzi talli Clayton Delia ikkometta fastidju fil-konfront ta' Claire Agius nhar it-2 ta' Gunju, 2016 u fil-jiem ta' qabel.

Qalet li kien hemm xi telefonati bi kliem dispreggjattiv, oxxen u intimidanti minn naha tal-appllant fuq it-*telephone number* 21823188.

Jghid li huwa kien ghamel kuntatt mas-sur Delia fejn infurmah li kellu kwerela fil-konfront tieghu u gharfu bil-kontenut taghha u dan kien cahad kategorikament li kien ghamel dak li gie allegat fil-konfront tieghu. Cio' nonnostante gie mgharraf li kienu ser jinhargu charges fil-konfront tieghu.

Rat l-okkorenza esebita mehuda mill-istess xhud PC 988 Caruana. Jidher li r-rapport kien sar minn Claire Agius nhar is- 27 ta' Frar, 2017 ghall-habta tad-9.00pm u l-incident li gie rapportat kien sehh bejn l- 4.45 p.m u 9.50 p.m ta' l-istess jum.

Claire Agius kienet irraportat li l-*ex partner* taghha u cioe' l-appellant odjern kien cemplilha u heddidha.

Is-sinjura Agius qaltlu li hija kellha relazzjoni mal-appellant u din intemmet f'April 2016. Spjegat li meta hassret minn mieghu kienet ghadha ma tafx li kienet tqila bit-tarbija minn tieghu u fil-fatt kienet ghadha mhux certa li kien missier it-tarbija li kienet qed igorr u ghahekk ma xtaqitx tkelmu sakemm dan il-punt jigi ivverifikat. Dan pero' ghall-habta ta' 8.50pm irceviet telefonata d-dar u Delia kien qalilha li kien cemplilha diversi drabi fuq il-mobile phone taghha bejn 4.45pm u 8.00 p.m pero' peress li dawn kienu *private numbers* ma jidhlux fuq il-mobile taghha u beda jghajjat u jhedded u jghid kliem bhal '*haqq ghal Madonna nigi wara il-bieb tieghek*' u dan irrepetih ghal tlett darbiet fost hafna ghajjat.

Ikkonferma li s-sinjura Agius kienet akkompanjata minn misserha Joseph Agius, huwa ghamel kuntatt ma Clayton Delia u talbu jmur l-ghassa fejn staqsih x'kien inqala' aktar qabel ma Claire Agius u dan qallu li sa Mejju 2016 kien f'relazzjoni maghha gara li hasret waqt li kienet ghadha tqila minnu u ghamel sa Awwissu 2016 jipprova jkellimha biex jara kif kienet ghaddejja bit-tqala izda ma bdietx ittih informazzjoni ta' xejn u meta ircieva l-ittra minghand Claire Agius ma baqax jibghatilha jew icemplilha izda meta wasal Jannar kien jaf li kellha twelled u fit-22 ta' Jannar, 2017 bejn is-6.00p.m u is-7.00pm kien ghamel kuntatt maghha biex jara jekk welditx u jkollu ftit informazzjoni, izda waqt li kien qed ikellimha semgha lil missierha joffendih bil-kliem 'cempel dal-liba u pufta' u Claire qaltlu iva li welldet imma ma qaltlux jekk kelliex tifel jew tifla u huwa dak il-hin qallha li ma kienx ser jibza minn missierha billi jidghi u jghajjat mieghu u qatghet il-linja.

Spjega li ftit wara ircieva ittra mnghand l-avukat ta' Claire fejn din infurmatu li ma ghandux jerga' jhedded lis-sinjuri Agius fejn min naha tieghu kellem lill-avukat tieghu fejn ukoll baghat ittra u talbu xi informazzjoni rigward il-wild izda baqa' minghajr ebda risposta u ghalhek rega' kellem lill-avukat tieghu u din id-darba baghat ittra permez tal-Qorti fil-bidu ta Frar 2017 izda ghadu ma ircieva ebda risposta jekk waslitx jew le.

Illi nar it-6 ta' Marzu 2017 ghall-habta tat-8.00 Claire Agius regghet irraportat li dakinhar stress bejn it-6.55 u 7.14 irceveit hames telefonati bi private number u li x'aktarx kien l-appellant stress kif ukoll ftit tal-minuti wara rciviet sms minghandu stess sabiex tghamel kuntatt mieghu. L-appelant gie mitkellem aktar tard u dan stqarr li kien qed icemplilha minhabba li lejliet u cioe' nhar il-5 ta' Marzu, 2017 ghaliex kienu ftiehmu li kienu ser jghamlu DNA test tat-tarbija kif ukoll ma kienx ser jaghmel aktar kuntatt ma l-istess Claire. Izda wara l-pulizija irceviet ittra minghand l-avukata ta' Claire dwar fastidju li sar mill-appelllant fil-kofront taghha b'referenza li sar bejn it-2 ta' Gunju 2017 u l-jiem ta' qabel u kien ghalhekk kienu ser jinhargu l-akkuzi.

Claire Agius xehdet nhar it-13 ta Novembru 2017 quddiem l-ewwel Qorti u kkonfermat li kient ghamlet rapport ghaliex l-appellant kien cemplilha d-dar u stqarret li dan ma kellux ghalfejn icemplilha id-dar izda seta icempel lilha direttament. Qalet li dan qalilha li kien sejjer id-dar taghha u beda jkellimha b'aggressivita' u ghalhekk kien hemm granet meta anke sakkru l-bieb ta' barra bic-cavetta ghax kienu jibzghu minnu. Qalet li marret l-ghassa u ghamlet ir-rapport relattiv. Dan kien fis-27 ta' Frar 2017. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ncidenti ohra minbarra dan u jghid li iva kien hemm ghaliex kien jibghat messaggi ta' theddid fejn anke lill-ohtha iz-zghira kien wasal biex anke jitilfilha x-xoghol taghha ghaliex stqarr li ohtha kient qed ittiha pariri meta hija imxiet dejjem bil-pariri legali.

Qalet li dakinhar cempel u qallha li kien ser jidhol id-dar b'mod aggressiv u marret l-ghassa.

Dwar il-messagi li irceviet minghandu hija ghamlet kwerela ghaliex dawn kien fihom kliem hazin u ta' theddid. Ghalhekk il-kwerela saret biex ihalli kemm lilha kif ukoll lil

familja taghha bil-kwiet. Ghalhekk marret l-ghassa ghat-tieni darba. Qalet li baqghet tircievi dawn il-messaggi sat-30 ta' Awwissu, 2016.

In kontro esami tikkonferma li kellha relazzjoni mal-appellant u li kellhom tarbija flimkien. Qalet li telqitu minhabba xi affarijiet li kien ghamel hu. F'April kienet telqitu izda imbaghad regghu ipprovaw jirrangaw ir-relazzjoni f'Mejju minhabba it-tarbija izda regghu hasru. Ikkonfermat li ma regghetx ikkomunikat mieghu lanqas dwar it-tarbija salv b'ittri. Ikkonfermat li f'Marzu kien hemm ukoll xi skambju ta' ittri anke dwar il-filjazzjoni tat-tarbija. Mistoqsija jekk marx ikisser il-bieb taghhom tghid li le pero' tghid li ghamel malafama lill-ohtha z-zghira.

**Joseph Agius** jghid li jaf li l-appellant kien cempel lil Claire Agius, bintu u qallha jew tohrog il-barra beix jitkelmu jew imur jifqa' l-bieb. Jikkonferma pero' li ma semghax dan id-diskors imma jafu ghaliex binthu marret tibki ghandu u kien ghalhekk li marru jghamlu rapport. Qal li bintu kient fi stat ta' paniku.

Illi minn esami tal-process jirrizulta li dawn huma iz-zewg xhieda li xehdu.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs.**

**George Azzopardi**" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed[1]."

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[2]", inghad illi :-

"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."

[1] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[2] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant, li jirrigwarda l-ewwsl akkuza, hu aggravju ta' natura legali. L-avukat difensur tal-appellant jargumenta u dan a bazi ta' dak li gie deciz fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Dr. Etienne Calleja LL.D.*[3] li l-fatti specie tal-kaz ma jinkwadrawx ruhhom f'din id-disposizjoni tal-ligi. F' dik is-sentenza fejn l-akkuza kontra l-appellant kienet identika ghall-ewwl akkuza dedotta kontra l-appellant odjern, din il-Qorti kienet irriteniet li:-

*"Illi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid (jew ingurji) mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e) tal-Kap.9, imma akkuza li tidher, kemm mid-dicitura taghha kif ukoll mill-artikolu citat mill-Ewwel Qorti, bazata fuq l-art.35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001;XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004).*

*Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif*

[3] Deciza nhar it-22 ta Awwissu 2007.

*imiss, tkun hatja ta' reat that dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat.*

……

*Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u ( c ) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-*

*(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop (b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali standards jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u*

*(c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu .*

*Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "**Reati ta' xorta kriminali specifici ghall-komunikazzjonijiet elettronici**" (emfasi ta' din il-Qorti)"*

*Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal*

*eiusdem generis, jidher car li is-sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema bl-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.*

*U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded jew jingurja verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000)".*

*Hu car ghalhek li l-kliem " ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u "jew tuzah b' mod mhux kif imiss" f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).*

*Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399.*

*Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fi-ttermini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah "legal certainty." Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub subinciz jkunu jistghu jigu "attached" xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: "ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u/jew "b'mod mhux kif imiss" adoperat fl-art. 35(1) (d)."*

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anki kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-kliem inkriminat kellu jitqies bhala kliem ta' ingurji w/jew theddid, il-prosekuzzjoni kien imissha pprocediet skond l-artikolu 339 (e) fuq imsemmi u mhux taht l-art. 35 tal-Kap. 399. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh.

Dwar it-tieni aggravju u cioe' dak li jikkoncerna ir-reat kif ravvisat fl-artikolu 251A (a) u (b) tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta jinghad is-segwenti:-

*(1) "Persuna li:*

*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*

*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun tafli dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna kun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu."*

Issa dan l-artikolu fit-tieni subinciz tieghu jkompli jghid li

*".....persuna li tkun qeghda ggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli jkollha l-istess informazzjoni dik kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghall-fastidju tal-persuna l-ohra".*

Fi ftit kliem skond dik id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fit-tieni sub-inciz ta' l-artikolu li ntroduca r-reat ta' fastidju, l-legislatur Malti applika t-test oggettiv ta' persuna ragjonevoli jew "the resonable man" fejn persuna li qeghda tagixxi b'mod dubbjuz ghandha tkun taf jekk l-agir taghha jammontax ghal fastidju jew le. Jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din il-persuna kienet tqis bhala fastidju dak l-agir. L-argument li l-legislatur Malti pogga t-test oggettiv tar-"reasonable man" gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Il- Pulizija vs Massimo Tivisini**[4]" li kkunsidrat x'jikkostitwixxi imgieba jew agir li jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali.

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali 27 ta' Frar, 2009

Din il-Qorti fl-interpretazzjoni taghha li tat ta' dan l-artikolu tat definizzjoni ta' jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' dan l-artikolu u kkwotat minn Black's Law Dictionary (7th edition) fejn jinghad dan li gej dwar fastidju jew harassment :-

*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.*

Skond din il-kwotazzjoni l-fastidju jikkostitwixxi xi kliem, imgieba jew azzjoni li ghandhom ikunu ripetuti jew persistenti li huma diretti lejn persuna specifika, b'tali mod li jdejqu, jallarmaw, jew jikkawzaw dwejjaq emozzjali fil-persuna koncernata u li **ma ghandhom l-ebda skop legittimu** (sotto linear ta' dinil-Qorti).

Il-Qorti ta' l-Appell f'dik is-sentenza qalet ukoll illi l-agir li ghandu jkun ripetut jew persistenti ma ghandux jittiehed in izolament izda fir-retroxxena ta' l-incidenti kollha li jkunu sehhew b'tali mod li jkunu kkawzaw dwejjaq fil-persuna fastidjata (**Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez**[5]).

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellant ittanta jikkomunika mal-kwerelanti ghar-raguni legittima u cioe' sabeix jara u jinteressa ruhu fuq il-wild li kienet qed iggor li fil-fehma tieghu kienet tieghu. Illi ma jirriuzltax li l-appellant kien qed icempel lill-kwerealnti sabex jivvesaha izda limtatament sabiex isaqsiha fuq it-tarbija jekk in effetti wilditx jew x'kienu ser ighamlu dwarha. Kemm l-ittra esebita kif ukoll il-kwerelanti tghid l-istess.

Ghaldaqstant l-agir tal-appellant zgur li ma jinkwadrax ruhu fir-reat kif moghti mill-proekuzzjoni.

Dwar it tielet aggravju u cioe' dak abbraccjat mat-tielet akkuza jirrizulta li l-prosekuzzjoni akkuzat l-appelalnt bid-diposizjoni tal-artikolu 18 u cioe' tar-reat kontinwat, pero' peress li din il-Qorti mhux qed issib lill-appelalnt hati ta' l-ewwel u it-tieni akkuza ma tistax issibu hati tat-tielet akkuza.

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali 21 ta' Gunju, 2007

In vista tas-suespost din il-Qorti ma tqisx li l-gudizzju milhuq mill-ewwel Qorti kien wiehed 'safe u satisfactory'.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant u qieghda ghalhekk tirriforma is-sentenza appellata billi thassarha u tikkancellha billi qed tillibera lill-appellant minn kull imputazjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur